# Wiċċ Ħal Luqa u l-Inħawi Tiegħu Qabel il-Miġja tal-Kavallieri (Ca. 1480 -1530)

**Mario Cassar B.Ed (Hons), M.A. (Malt.)**

Dun Ġużepp Micallef jgħid li l-oriġini ta' Ħal Luqa jista' jmur lura sak-seklu tlettax.[1] Madankollu, m'għandna ebda tagħrif konkret fuq ir-raħal qabel il-bidu tas-seklu ħmistax. Fil-fatt, Ħal Luqa jissemma għall-ewwel darba fil-Lista tad-Dejma tal-1419/20.[2] F'din il-lista jidhru l-ismijiet ta' 27 raġel min Ħal Luqa u Ħal Farruġ li kienu obbligati jagħtu servizz fil-milizja nazzjonali. Din il-lista tindika b'mod ċar li Ħal Farruġ kien meqjus bażikament bħala appendiċi ta' Ħal Luqa.

Min-naħa l-oħra, l-ewwel attestazzjoni notarili tidher li hi dik tal-1467 (*il gereni, galca in contrata casalis Luca*) u tinsab fir-reġistri tan-Nutar Paulo Bonello.[3] Fid-dokumenti medjevali, fil-fatt, Ħal Luqa jissejjaħ *casali(s) luca* jew rarament *rahal luca*.[4] L-eqdem mappa ta' Malta li turi lil Ħal Luqa hi dik ta' Antonio Lafreri, ippubblikata f'Ruma fl-1551, jiġifieri meta l-Ordni ta' San Ġwann kien ilu hawn 21 sena. F'dan id-dokument kartografiku, ir-raħal jidher sempliċiment bl-isem *Luca*.[5]

Bħall-irħula lokali kollha tal-kampanja fil-Medju Evu, Ħal Luqa ma kien xejn għajr konglomerazzjoni ta' rziezet modesti, djar foqra, u kappelli rustiċi. Niesu kienu kważi kollha bdiewa jew raħħala. Kien żmien ta' ġuħ u tbatija. Dan kien dovut prinċipalment għal tliet raġunijiet: l-attakki kontinwi tal-furbani Misilmin, in-nuqqas ta' ilma li kien jgħakkes ir-raba', u l-mard epidemiku bħall-pesta u l-iskarlatina. Il-popolazzjoni ċkejkna tal-gżira (u tar-raħal) ma setgħetx tieħu r-ruħ f'dawn il-kundizzjonijiet miżerabbli. F'dan il-perjodu, Ħal Luqa kien għadu jagħmel parti mill-parroċċa ta' Santa Marija ta' Birmiftuħ, li kienet tħaddan ukoll il-Gudja, Ħal Tarxien, Ħal Kirkop, Ħal Safi, L-Imqabba, u Ħal Farruġ.

F'kitba tal-2007, il-Professur Wettinger kien argumenta li, minkejja n-nuqqas ta' informazzjoni topografika li għandna fuq Malta ta' qabel il-Kavallieri, xorta jeżisti materjal biżżejjed "biex inkunu nafu kważi kulma rridu fuq suret artna".[6] Bħalma għamel Wettinger, jien sa nuża it-tagħrif mislut mit-toponimi (l-ismijiet tal- postijiet) tal-inħawi ta' Ħal Luqa sabiex nagħti ħjiel dwar is-sura ta' din il-lokalità qabel l-1530. Il-parti l-kbira tat-tagħrif hu meħud mill-atti notarili medjevali, partikolarment dawk tan-Nutar Consalvo Canchur.[7] Id-dati li jidhru ħdejn it-toponimi juru l-eqdem attestazzjoni; għaldaqstant, l-imkejjen kollha imsemmija f'dan l-artiklu setgħu kienu ilhom jeżistu minn ħafna snin qabel.

Fil-bidu, Ħal Luqa jien qisu maqsum fi tnejn: il-parti ta' fejn illum hemm il-knisja parrokkjali u n-naħa ta' Wied il-Knejjes; madankollu, nafu fiż-żgur li wara s-seklu erbatax dawn iż-żewġ xaqlibiet kienu diġà meqjusa bħala entità waħda.[8] Minn Wied il-Knejjes,

wieħed seta' jaqbad it-triq lejn Ħal Farruġ u jibqa' sejjer lejn Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ, u l-Imdina.

L-ewwel komunità ta' rziezet fir-raħal faqqset appuntu f'Wied il-Knejjes. L-eqdem attestazzjoni għal dan il-lok tinsab fl-atti notarili ta' Consalvo Canchur (*gued ilkjneys*, 1499).[9] F'dokumenti medjevali oħra, din iż-żona tidher ukoll bl-isem *Tal-Knejjes* (*contrata talkneys,* 1522). F'dawn l-inħawi, maż-żmien, inbnew tliet knejjes żgħar -- ta' Santa Marija tal-Ibwar, ta' San Nikola, u tat-Twelid tal-Madonna. L-ewwel waħda kienet tinsab sewwasew fejn illum hemm iċ-ċimiterju ta' Wied il-Knejjes. Fil-qrib kien hemm l-għalqa magħrufa bħala *Tal-Funduq* (1501). Iż-żewġ knejjes l-oħra kienu jmissu ma' xulxin qrib għalqa msejħa *Tal-Andar*. Din aktarx kienet l-istess waħda magħrufa bħala *L-Andar tal-Wied* (1522). Għelieqi oħra fl-inħawi ta' Wied il-Knejjes kienu *L-Għerien* (1467),[10] *Il-Blejqat* (1499), *L-Għamieri* [?] (1520), u *Tal-Ħerba* (1523).

Ftit 'il bogħod, fit-triq li tagħti għal Ħal Farruġ, imbagħad, kien hemm il-knisja ta' San Tumas. F'Ħal Farruġ stess, fuq ix-xaqliba ta' Ħal Luqa, kont issib l-għalqa *Tal-Gdus* (1501). Bejn Wied il-Knejjes u l-Ingieret kien hemm għalqa magħrufa bħala *Tal-Ġabbar* (1522).

Dun Ġużepp Micallef isostni li l-ewwel knisja ta' Sant'Andrija f'Ħal Luqa nbniet bejn l-1532 u l-1546, u li l-iżjed snin probabbli huma l-1539--42.[11] Madankollu, fir-reġistri tan-Nutar Sabbara naqraw li fl-1497 inxtrat dar f'Ħal Luqa li magħha kellha għalqa fil-viċinanza tal-Knisja ta' Sant'Andrija.[12] Din il-biċċa informazzjoni tassew siewja tagħtina x'nifhmu li fil-fatt id-data hi aktar bikrija. Jista' jkun li l-knisja li nbniet minn Dun Blasio Grima u Dun Ġorġ Farrugia fis-seklu sittax telgħet minflok il-qadima, imma dan is-suġġett ċertament jixraqlu aktar stħarriġ.

Madwar il-knisja ta' Sant'Andrija kien hemm il-knejjes ta' San Ġiljan, Sant'Anton Abbati, u tal-Viżitazzjoni tal-Madonna. Ta' San Ġiljan kienet tinsab fejn illum hemm il-kappellun tar-Ružarju (fuq ix-xaqliba ta' Triq id-9 ta' April), filwaqt li tal-Viżitazzjoni kienet tinsab fejn illum hemm il-kappellun tal-Agunija (fuq ix-xaqliba ta' Misraħ il-Knisja). Ftit 'il bogħod, f'post imwarrab, kien hemm knisja oħra ddedikata lil San Nikola, filwaqt li fit-triq li tagħti għal Wied il-Knejjes kien hemm imissu ma' xulxin il-knejjes ta' Santa Marija tal-Ftajjar u oħra tat-Twelid tal-Madonna. Għal xi żmien, din tal-aħħar kienet magħrufa bħala *Ta' Buttigieg* għax inbniet minn ċertu Bartolmeo Buttigieg fl-aħħar tletin sena tas-seklu ħmistax.[13] Ta' San Ġiljan, ta' Sant'Anton Abbati, u t-tnejn ta' ta' San Nikola nbnew matul is-seklu erbatax jew fil-bidu tas-seklu ħmistax. It-tliet qaddisin kienu meqjuma ħafna fil-Knisja tal-Lvant u aktrax jixhdu l-influwenza reliġjuża tar-rit Grieg. Il-knisja tal-Viżitazzjoni u l-knejjes l-oħra ddedikati lill-Madonna telgħu fis-seklu ħmistax meta beda jixtered sew il-kult Marjan.[14]

Bħal fi rħula oħra, il-parti l-kbira tad-djar f'Ħal Luqa kienu b'sular wieħed. F'komunità essenzjalment agrikola ma setax kien hemm xi lussu partikulari; anzi, wieħed jimmaġina residenzi sempliċi, mgħammra b'mod mill-aktar bażiku. Id-dar mixtrija fl-1497 kellha bitħa u forn. Dar oħra, magħrufa bħala *Ta' Xuri* (1515), kellha bitħa u kċina. Id-djar, fil-fatt, aktarx kien ikollhom bitħa għalihom, apparti bir jew ċisterna tal-ilma. Ir-residenzi privati u l-irziezet ma kinux mibnija b'xi regola partikolari; aktarx kienu jitilgħu bl-addoċċ, mingħajr wisq kas ta' żvilupp ippjanat.

It-toroq kienu primittivi, mimlija trab fis-sajf u tajn fix-xitwa. Għadd ta' mogħdijiet kienu jserrpu fil-kampanja biex jgħaqqdu l-għelieqi u l-irziezet pjuttost distakkati minn xulxin. Fit-triq li minn Ħal Luqa tagħti għall-fewdu tal-Marsa kien hemm ġiebja tal-

ilma magħrufa bħala *Bir il-Wiesa'*; din tissemma għall-ewwel darba fl-1507.[15] *Il-Misraħ* jissemma għall-ewwel darba fl-1521. Fil-Medju Evu, il-kelma 'misraħ' ma kinitx tfisser eżattament 'pjazza' kif nafuha llum. Kien proprjament wesgħa art watja fejn in-nies tar-raħal kienu joħorġu jistrieħu, kultant anki bil-bhejjem tagħhom -- dak li bl-Ingliż jgħidulu *village green*.

Fuq ix-xaqliba ta' Santa Luċija u Ħal Tarxien kien hemm Ħal Fuqani li jissemma għall-ewwel darba fl-1496. Dan l-irħajjel kien jiġi sewwasew fejn illum hemm il-knisja ta' San Ġakbu. F'dawn l-inħawi kien hemm Wied Bundara li fih kont issib il-qasam ta' *Ġnien Arnaw* (1495).[16] Kienu jirreferu għalih bħala 'ir-Raħal ta' Fuq' biex jiddistingwuh mir-'Raħal t'Isfel' magħruf appuntu bħala Ħal Saflieni. Dan l-irħajjel jissemma għall-ewwel darba, flimkien ma' Ħal Gallun, fil-Lista tad-Dejma tal-1419/20. F'dawn l-inħawi, fiż-żmien li qed nitkellmu fuqu, kien hemm il-knisja oriġinali ta' San Ġakbu (mhux dik tal-lum).

Fil-limiti ta' Ħal Luqa kien hemm medda ta' art agrikola magħrufa bħala *Ta' Rożella* (1515). Qasam ieħor kien dak *Tal-Qirew* (1507) li fih kien hemm l-għalqa jisimha *Il-Qirew il-Fuqani* (1524) u tnejn oħra żgħar jisimhom *Il-Qirewwiet* (1482). Żgur li kien hemm żona magħrufa bħala *Il-Ġnien* tant li kien hemm għalqa msemmija *Ta' Bieb il-Ġnien* (1514 ) u oħra *Ta' Taħt il-Ġnien* (1538).[17]

Fil-wirt tal-familja Lhudija Mehyr, imfassal fl-1487, tissemma roqgħa art f'Ħal Luqa magħrufa bħala *Tal-Lampa*.[18] L-għelieqi bl-isem *Ta' Farmusa* (1501) u *Taċ-Ċawla* (1506) kienu proprjetà tal-familja Zammit.

Biċċet raba' u għelieqi oħra f'Ħal Luqa jew fl-inħawi tiegħu kienu: *Tal-Għar* (1499), *Ta' Battala* (1502), *L-Andar tad-Dukkiena* (1505), *Taċ-Ċagħak* (1512), *Ħaġar Mitqub* (1512), *Ta' Firlizza* (1514),[19] *Tal-Qtates* (1515), *Il-Ħbejjel tal-Blejqat* (1517), *Tal-Filfel* [jew *Ta' Felfel*] (1522), *Ta' Bigeni* (1522), *Tal-Merqad* (1525), *Ta' Sinduwa* (1528). Kien hemm ukoll tliet għelieqi magħrufin bħala *Tal-Għassies* (1512), u tlieta oħra bl-isem *Rqajja' l-Għaram ta' Kastillna* (1515).[20]

Għelieqi oħra attestati fl-atti notarili immedjatament wara l-1530 għandhom jissemmew ukoll għax żgur li kienu diġà jeżistu qabel il-miġja tal-Ordni. Fosthom nistgħu ninkludu: *Ta' Sillani* (1533), *L-Andar tal-Għassies* (1534), *Il-Bur tal-Qtates* (1534), *Tal-Fies* (1538), *Il-Wilġa ta' Bonanno* (1538),[21] u *Ta' Bello* (1540).

Kien hemm art agrikola li kienet proprjetà tal-Knisja; pereżempju, il-benefiċċji *Ta' Bunixeb* (1524)[22] u *Ta' Bur Ġulad* (1526). Tissemma ukoll prebenda tal-Katidral magħrufa bħala *De La Vagna* bejn Ħal Luqa u Birmiftuħ; din tissemma għall-ewwel darba fir-*Rollo di Mello* tal-1436. L-għalqa *Ta' San Ġiljan* (1500) żgur li kienet tipprovdi r-renti għall-muntenzjoni tal-Knisja ta' San Ġiljan.

L-għelieqi u l-oqsma agrikoli, fil-parti l-kbira tal-każi, kienu jieħdu isimhom mill-isem (eż. *Ta' Ġulad = Gulija*, *Ta' Rożella*, *Ta' Bunixeb*, isem Għarbi), il-kunjom (eż. *Ta' Bigeni, Ta' Bonanno, Ta' Bello*), jew il-laqam (eż. *Ta' Sinduwa, Tal-Fies, Tal-Filfel*) tas-sid oriġinali. Minn dawn l-ismijiet nistgħu nobsru li xi raba' kien proprjetà tal-istess sid. Dan jista' jkun il-każ ta' *Tal-Għassies* u *L-Andar tal-Għassies* kif ukoll ta' *Tal-Qtates* u *Il-Bur tal-Qtates*.

It-toponimija tista' tixhed li f'Ħal Luqa kien hawn xi fdalijiet preistoriċi. Pereżempju, l-isem tal-għalqa *Ħaġar Mitqub* jissuġġerixxi megalit, filwat li l-isem *Tal-Ħerba* (Wied il-Knejjes) jista' jimplika rovini ta' interess arkeoloġiku. Dan ukoll huwa suġġett ta' min jindagah aktar fil-fond.

## Nota

Għat-tifsir tat-toponimi kollha msemmija fl-artiklu, ara Mario Cassar, 'Toponimi Ħalluqin f'Dokumenti Antiki, ca. 1480--1600', *Festa Titulari ta' Sant'Andrija 2004*, Malta: Għaqda Mużikali Sant'Andrija Luqa, pp. 139--51. Ix-xogħol preżenti żgur ma setax jinkiteb jekk mhux b'referenza kontinwa għax-xogħol indispensabbli ta' Godfey Wettinger, *Place-names of the Maltese Islands, ca. 1300--1800*, Malta: PEG, 2000.

Dan l-artiklu jikkumplimenta artiklu ieħor li jiena ktibt fil-ktejjeb tal-festa tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ta' Ħal Luqa (2009) bl-isem 'Il-Ħalluqin lejn l-Aħħar tal-Medju Evu (ca. 1480--1530)'. Flimkien, dawn iż-żewġ artikli għandhom iservu bħala introduzzjoni elemenatri għall-istudju tal-istorja ta' Ħal Luqa fiż-Żmien Nofsani Tardiv.

**Riferenzi:**

1 Joseph Micallef, *Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha*, Malta, 1975, p. 1.

2 Arkivju tal-Mużew tal-Katidral tal-Imdina, Misc. ms. 437/3, f. 22r. Ara wkoll Godfrey Wettinger, 'The Militia List of 1419–20. A New Starting Point for the Study of Malta's Population', *Melita Historica*, vol. v, no. 2 (1969), p. 97.

3 Not. P. Bonello, Arkivji Notarili, Valletta (= ANV), ms 588, f. 24v (9.x.1467).

4 Ara, pereżempju, noti 16 u 18.

5 Ara Mario Cassar, 'Isem Ħal Luqa f'Mapep Antiki tas-Seklu Sittax', *Festa Titulari ta' Sant'Andrija 2007*, Malta: Għaqda Mużikali Sant'Andrija Luqa, 2007, p. 117.

6 Godfrey Wettinger, 'Wiċċ Malta Qabel Ma Ġie l-Ordni', *Il-Malti*, vol. lxxix (2007), p. 177.

7 Nutara oħra kkunsultati jinkludu Jacobo Sabbara, Giorgio Buttigieg, u Gerolamo Cumbo. Hemm ukoll xi referenzi misjuba fl-arkivji tal-Katidral tal-Imdina.

8 Micallef, p. 2.

9 Not. C. Canchur, ANV, R 140/1, f. 3 (13.vi.1499).

10 Din l-għalqa xtraha l-Kanonku Cataldo Tabuni mingħand Agustinus Hellul. Ara Not. P. Bonello, ANV, ms 588, f. 24v (9.x.1467).

11 Micallef, p. 18.

12 Not. J. Zabbara, ANV, R 494/2, f. 4 (23.i.1497).

13 Micallef, p. 33. Fl-1507, din il-knisja kien jieħu ħsiebha neputih, Luca Buttigieg.

14 Micallef, p. 31. Il-knejjes kollha jissemmew fil-Viżta Pastorali ta' Mons. Dusina fl-1575. Ara wkoll Micallef, pp. 30--34.

15 Nafu li sal-1608 il-Ħaluqin kienu jinżlu jaħslu l-ħwejjeġ fl-għajn tal-Marsa. Jekk din kinitx l-istess ġiebja ħaġa oħra.

16 Dan il-qasam (*territorium vocatum de Ginen Arnau situm in contrata Rahal Luca*) kien ta' Don Michele Falzon imma fl-1495 krieh lil Vincenzo Azzopardi. Ara Not. J. Zabbara, ANV, R494/1, f.3 (10. vii.1495).

17 Sal-lum għadna nirreferu għall-inħawi ta' Triq San Ġorġ bħala 'Ta' Taħt il-Ġnien', imma ma nistgħux inkunu ċerti jekk il-postijiiet jikkorrisspondux.

18 Not. J. Zabbara, ANV, R494/1, f.74v (9.iii.1487): *pecia terrarum ... in contrata Rahal Luca vocata ta lampa.*

19 Sal-1524, din l-għalqa kienet proprjetà ta' Paulus Vella; wara biegħha flimkien ma' raba' ieħor. Ara Not. C. Canchur, ANV, R 140/10, f.167v (16.i.1524).

20 Wettinger jitfa' l-għalqa *Taċ-Ċawla* f'Ħal Għaxaq, waqt li jitfa' dik *Ta' Farmusa* f'Tal-Brolli; madankollu, f'xi dokumenti jidhru li kienu f'Ħal Luqa.

21 Il-kunjom *Bonanno* jidher f'Ħal Luqa kemm fil-Lista tad-Dejma (ca. 1419/20) kif ukoll fil-Lista tal-*Angara* (c. 1485).

22 Il-beneficċju *Ta' Bunixeb* sewwasew jissemma għall-ewwel darba fl-1436; imma ma nistgħux inkunu ċerti li r-referenza hi għall-art f'Ħal Luqa billi anki f'Ħal Millieri u l-Imqabba kien hemm raba' bl-istess isem. Forsi l-qasam tant kien kbir li kien jinfirex fuq it-tliet inħawi.